# 44. Is-Sriedak

Kien ilu tlitt ijiem li l-bieb tal-ġenna
stabat warajh, ġie, Abel jiġġerra
u qallha; "Ma, ejja biex tara s-sriedak
b'munqarhom ma' xulxin u kollha herra!"

Adam kien ġabar madwar żewġ tużżani
tiġieġ u żewġt isriedak kbar qambin,
u malli sema' 'l ibnu telaq jiġri,
u sab lis-sriedaq jonqru lil xulxin,

U demm iċarċar minn għalliethom ħamra,
u biex jifridhom kellu jaqbad sawt;
u kellu joqgħod idewwilhom rashom
rixhom jaħslilhom fl-ilma ta' ġol-ħawt.

L-għada filgħodu reġgħet l-istess ġrajja
ġlieda taż-żewġt isriedak, dmija u dmugħ;
u ta' kull jum baqgħet il-ġrajja ttenni
sakemm l-aktar felħan qatel lil ħuh.

Kiber Abel u telaq jgħix għal rasu,
u rabba ftit tiġieġ u sriedaq tnejn,
u s-sriedak ta' Abel ukoll iġġieldu,
firidhom kemm firidhom għal ta' xejn.

Minn dik in-nhar baqgħet il-ġrajja sejra
fl-istorja tan-natura żmien għal żmien:
li żewġt isriedak ġewwa l-istess maqjel
ma joqgħodux fis-sliem it-tnejn flimkien,

'Mma jħebbu għal xulxin u jċarrtu l-għalla,
u jċarċru d-dmija, dmija kemm jeħtieġ,
sakemm wieħed imut u jibqa' l-ieħor
sultan waħdien tas-saltna tat-tiġieġ.

Il-ġrajja ġrat fiż-żmien t'Atene u Persja,
Ruma u Kartaġni, Moscow u Berlin;
min jaf jekk 'il quddiem għadx terġa' tiġri
fiż-żmien li ġej ta' Truman u Stalin.*

** Nitolbu ... *